Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,829, 9 ta' Novembru, 1993
Taqsima B

A.L. 147 ta' l-1993

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA
(KAP. 10)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti biex Jinżammu l-Ordni Pubbliku u d-Deċenza Pubblika fil-Ħwienet għall-Bejgħ ta' Nbid, Birra jew Likuri Spirituż

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 183 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti biex Jinżammu l-Ordni Pubbliku u d-Deċenza Pubblika fil-Ħwienet għall-Bejgħ ta' Nbid, Birra jew Likuri Spirituż u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti sabiex jiġu Mogħtija, Imġedda jew Imħassra Liċenzi għall-Bejgħ ta' Nbid, Birra jew Likuri Spirituż u biex Jinżammu l-Ordni Pubbliku u d-Deċenza Pubblika fil-Ħwienet għall-Bejgħ ta' Nbid, Birra jew Likuri Spirituż, magħmula bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 392 tat-18 ta' Ottubru, 1929, kif emendati minn żmien għal żmien, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "In-nisa ma jistgħu fl-ebda każ jiġu impjegati bħala *substitutes* jew rappreżentanti." għandhom jitħassru.